# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 979/2017 JVC**

**Josephine Axisa (K.I. 763051M)**

**vs**

**Maria Cassar (K.I. 344331M) u permezz ta' digriet tal-Qorti datat 24 ta' Lulju 2022 l-atti gew trasfuzi f'isem Charles Cassar (K.I. 184657M) bhala eredi uniku tal-mejta Maria Cassar,**
**Charles Cassar (K.I. 184657M),**
**Patrick Cassar (K.I. 568884M)**
**Rachel Cassar (K.I. 28189M)**
**Claudine Cassar (K.I. 85787M)**
**Josef Cassar (K.I. 545981M)**

**Dorianne Cassar (K.I. 179679M)**
**Vanessa Aquilina (K.I. 44183M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Josephine Axisa kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

**<u>'DIKJARAZZJONI</u>**

L-attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:

1. Illi permezz ta' testament datat disgha (9) ta Dicembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) pubblikat fl-atti tan-Nutar John Gambin, missier u omm l-attrici ossia Nazzareno u martu Maria Cassar rregolaw is-successjoni taghhom u hallew reciprokament lil xulxin in pjena u assoluta propjeta il-kwarta (1/4) parti u in uzufrutt, uzu u tgawdija ir-rimanenti tliet kwarti (3/4) ta' dak kollu illi huma ikunu jipposjedu fil-gurnata tal-mewt taghhom;

2. Illi in oltre huma nnominaw u stitwixxew b'unici eredi universali u proprjetari assoluti ta' dak kollu li huma jkunu jipposjedu fil-gurnata tal-mewt taghhom unici hames uliedhom komuni u cioé l-attrici, u hutha Anthony sive Ninu, Salvatore, Tarcisio, u Charles ahwa Cassar f'ishma ndaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari favur ir-rispettivi wliedhom u ulied uliedhom, u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom, u jezentawhom ilkoll mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni;

3. Illi madanakollu u sussegwentament l-istess Nazzareno Cassar u martu Maria Cassar emendaw it-testment surreferit permezz ta' testament iehor datat tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) fl-atti tan-Nutar John Gambin, li permezz tieghu hallew lill-attrici ossia Josephine Axisa is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u cjoe is-somma ta' 1164.69 Ewro ghas-saldu ta' kull dritt ta' successjoni u/jew legittima li l-istess binthom jista' jkollha u ghandha fuq l-eredita' taghhom it-tnejn;

4. Illi di piu' l-istess ko-testaturi hassru n-nomina ta' binthom Josephine Axisa bhala wahda mill-eredi taghhom liema nomina saret fil-hames Artikolu tat-testment precedenti taghhom fuq imsemmi;

5. Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) miet Nazzareno Cassar u d-dikjarazzjoni Causa Mortis tieghu saret nhar l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) li kopja taghha qieghda tigi hawn markata Dok. C;

6. Illi hu l-attrici ossia Anthony Cassar u Saviour Cassar llum gew neqsin u ghalhekk il-wirt taghhom ddevolva fuq uliedhom;

7. Illi in oltre hu l-attrici Tarcisio Cassar gie nieqes ukoll izda ma kellux ulied;

**<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>**

8. Illi s-sehem riservat qua l-legittima mahduma skond il-ligi, ibbazata fuq il-wirt, teccedi ferm iktar is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500.00);

9. Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-legittima ossija s-sehem rizervat spettanti lill-attrici mill-wirt ta' Nazzareno Cassar, l-intimati baqghu inadempjenti.

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**TALBA**

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara :

1. Illi l-ewwel artikolu tat-testment datat tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elf disa mija u sitta u disghin pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin hija nulla u bla effett in kwantu l-ammont indikat mit-testaturi ma jirriflettix is-sehem riservat skond il-ligi abbazi tal-wirt;

2. Illi konsegwentament tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi s-sehem rizervat spettanti lill-attrici, billi tigi dikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-attrici s-sehem rizervat hekk likwidat;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att u tipprefiggi data, lok u hin illi fihom ghandu jigi pubblikat l-att relattiv u/ jew jigu ffirmati dawk id-dokumenti u

skritturi mehtiega sabiex l-ordnijiet u l-provvedimenti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha jinghataw eżekuzzjoni shiha u effettiva skont il-ligi

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali 662/17 u bl-imghaxijiet kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok l-intempestivita tal-proceduri odjerni u dan stante l-fatt li l-intimata Maria Cassar ghadha hajja u ghandha fil-fakulta li tibdel t-testment taghha u dan huwa iktar u iktar permess billi ai termini tat-testment unica charta (dokument A) datat 9 ta' Dicembru 1993 fl-atti tan-Nutar John Gambin bejn l-konjugi Nazzareno Cassar illum mejjet u l-intimata Maria Cassar fl-artikolu tnejn hemm indikat kjarament li l-partijiet "jaghtu lis-superstiti fosthom id-dritt li jibdel s-sehem tieghu proprju biss ta' dan it-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet stipulati mill-ligi".

2. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost sehem r-rikorrenti ghandu jigi kkalkulat ai termini tal-intenzjoni tat-testaturi u dan billi l-konjugi Cassar kienu diga ghaddew assi lill-attrici matul hajjithom u dan konsegwentement ghandu jigi mehud inkonsiderazzjoni billi ai termini tal-ewwel artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar John Gambin datata 13 ta' Novembru 1996 (dokument B) hemm d-disposizzjoni li "t-testaturi ma jesentawx lill-imsemmija binthom Josephine Axisa mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni u ghandha tikkonferixxi lura fil-massa ereditarja taghhom dak kollu li tawha b'titolu gratuitu matul hajjithom inkluzi oggetti ta' dota fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha".

3. Fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghas-suespost ghalhekk prevja kwalunkwe provvediment l-attrici ghandha qabel xejn tigi ordnata tiddikjara l-assi u l-beni kollha li hija irceviet minghand l-konjugi Cassar qabel kull kalkolu eventwali tal-legittima.

4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri ai termini tal-ligi.'.

Rat l-affidavits, xhieda, testmenti, dikjarazzjoni *causa mortis*, ricerki fir-registru pubbliku, rapport, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2018 Dr. Norma Vella Bardun ghar-rikorrenti rrilevat illi t-talba tal-attrici ghal-legittima tirrigwarda biss il-wirt tal-mejjet Nazzareno Cassar.

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Frar, 2020 Dr Norma Vella Bardun ghar-rikorrenti talbet in-nomina ta' Perit sabiex jistma' il-fond 428, Miramar Court fi Triq it-Turisti, Qawra stante li l-partijiet ma ftehmux dwar nomina ta' perit bejniethom, u rat li l-Qorti nnominat a spejjez provvizorjament tar-rikorrenti lill-Perit Joseph Grech;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech ipprezentat nhar is-7 ta' Ottubru, 2020 u mahluf nhar il-15 ta' Dicembru, 2020 a fol. 127 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tal-intimat Carmelo sive Charles Cassar intavolat nhar l-10 ta' Gunju, 2022 fejn permezz tieghu wara l-mewt tal-intimata ommu Maria Cassar fl-20 ta' Settembru, 2021 talab li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-atti fil-persuna tieghu u dan ai termini tal-Artikolu 806 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ir-

risposta ta' Josephine Axisa intavolta nhar il-15 ta' Lulju, 2022 u rat id-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Lulju, 2022 fejn permezz tieghu laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni kif mitluba;

Rat illi fil-verbal datat 14 ta' Gunju, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat li hadd mill-partijiet ma' prezenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor fil-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Josephine Axisa hija bint il-mejtin Nazzareno Cassar u Maria xebba Muscat. Nazzareno Cassar gie nieqes fis-26 ta' Ottubru, 2007 (fol. 44), filwaqt li martu Maria Cassar giet nieqsa fil-mori tal-kawza precizament nhar l-20 ta' Settembru, 2021 (fol. 177).

   Illi bil-kawza odjerna r-rikorrenti Josephine Axisa qed titlob li tinghata s-sehem rizervat spettanti lilha mill-eredita' ta' missierha Nazzareno Cassar.

2. Illi mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti esebiti fl-atti a fol. 45 et seq tal-process, jirrizulta li Nazzareno Cassar irregola l-wirt u successjoni tieghu b'zewg testmenti wiehed tad-9 ta' Dicembru, 1992 fl-atti tan-Nutar John Gambin (fol. 50), u iehor

datat 13 ta' Novembru, 1996 fl-atti tal-istess Nutar John Gambin (fol. 53).

Illi fit-testment tad-9 ta' Dicembru, 1993 l-mejjet Nazzareno Cassar kien halla lil martu Maria Cassar in piena u assoluta proprjeta' l-kwarta (1/4) parti u in usufrutt, uzu u tgawdija r-rimanenti tlett kwarti (3/4) ta' dak kollu li huma ikunu jipposjedu fil-gurnata tal-mewt taghhom. Fost disposizzjonijiet ohra, fil-hames artikolu tal-istess testment innomina u istitwixxa b'unici eredi universali u proprjetarji assoluti lill-hames (5) ulied komuni u cioe' r-rikorrenti Josephine Axisa, Anthony sive Ninu Cassar, Salvatore Cassar, Tarcisio Cassar u Charles Cassar.

Illi sussegwentement Nazzareno Cassar flimkien ma' martu Maria Cassar kien ghamel testment iehor datat 13 ta' Novembru, 1996 fl-atti tan-Nutar John Gambin fejn b'dan it-testment kien halla lil bintu r-rikorrenti Josephine Axisa s-somma ta' hames mitt lira tal-munita l-antika (Lm500) ekwivalenti ghas-somma ta' elf mija erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ghas-saldu ta' kull dritt ta' successjoni u/jew legittima li l-istess bintu jista' ikollha u ghandha fuq l-eredita' tieghu.

3. Illi l-intimati Charles Cassar et permezz tar-risposta guramentata taghhom intavolata nhar id-29 ta' Novembru, 2017 fl-ewwel lok eccepew l-intempestivita' tal-proceduri u dan peress li l-intimata Maria Cassar – omm ir-rikorrenti ghadha hajja u fil-possibilita' li tibdel it-testment taghha u dan anke fid-dawl li fit-testment *unica charta* tad-9 ta' Dicembru, 1993 l-konjugi kienu ndikaw li huma jistghu jibdlu s-sehem taghhom

minghajr ma jinkorru f'penalitajiet stipulat mill-ligi. Fit-tieni lok eccepew illi sehem ir-rikorrenti ghandu jigi kkalkulat ai termini tal-intenzjoni tat-testaturi u dan billi l-konjugi Cassar ghaddew assi lir-rikorrenti matul hajjitha li ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni billi ai termini tal-ewwel artikolu tat-testment tat-13 ta' Novembru, 1996 it-testaturi ma ezentawx lir-rikorrenti mill-obbligu tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni u ghandha tikkonferixxi lura fil-massa ereditarja taghhom dak kollu li tawha b'mod gratuwitu matul hajjithom inkluzi oggetti ta' dota fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha. Finalment fit-tielet lok eccepew illi r-rikorrenti ghandha qabel xejn tigi ordnata tiddikjara l-assi u l-beni kollha li hija irceviet minghand l-konjugi Cassar qabel kull kalkolu eventwali tal-legittima.

**<u>L-ewwel eccezzjoni – intempestivita' tal-procedura billi l-intimata Maria Cassar ghadha hajja:</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati Maria Cassar et eccepew l-intempestivita' tal-proceduri odjerni u dan billi l-intimata Maria Cassar ghadha hajja u ghadha fil-fakulta' li tibdel it-testment taghha u dan aktar u aktar fid-dawl tat-testment *unica charta* tad-9 ta' Dicembru, 1993 fl-atti tan-Nutar John Gambin fejn fl-artikolu tnejn hemm indikat kjarament li l-partijiet '…jaghtu lis-superstiti fosthom id-dritt li jibdel s-sehem tieghu proprju biss ta' dan it-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet stipulati mill-ligi.'.

Illi minn harsa lejn il-premessi, t-talbiet u l-verbali jirrizulta li r-rikorrenti Josephine Axisa qed titlob is-sehem riservat unikament mill-eredita' ta' missierha Nazzareno Cassar. Nazzareno Cassar gie nieqes nhar is-26 ta' Ottubru, 2007 (ara certifikat tal-mewt a fol. 44 tal-process) b'dan li fil-konfront tal-eredita' tal-mejjet

Nazzareno Cassar huwa car li l-azzjoni m'hijiex wahda intempestiva. Dan il-fatt gie wkoll kjarifikat fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2018 (fol. 23) fejn Dr Vella Bardun ghar-rikorrenti rrilevat li t-talba tar-rikorrenti ghall-porzjoni riservat hija biss fuq il-wirt tal-mejjet Nazzareno Cassar. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni.

**<u>It-tieni eccezzjoni – sehem ir-rikorrenti ghandu jigi kkalkulat ai termini tal-intenzjoni tat-testaturi billi m'ezentawx lir-rikorrenti mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni u t-tielet eccezzjoni – ir-rikorrenti ghandha tigi ordnata tiddikjara l-assi u l-beni kollha li rceviet:</u>**

Illi bhala t-tieni eccezzjoni l-intimati eccepew illi s-sehem tar-rikorrenti ghandu jigi kkalkulat ai termini tal-intenzjoni tat-testaturi u dan billi l-konjugi Cassar kienu diga' ghaddew assi lill-attrici matul hajjithom u dan konsegwentament ghandu jigi mehud inkonsiderazzjoni billi ai termini tal-ewwel artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar John Gambin datata 13 ta' Novembru, 1996 hemm disposizzjoni li '…t-testaturi ma jesentawx lill-imsemmija binthom Josephine Axisa mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni u ghandha tikkonferixxi lura fil-massa ereditarja taghhom dak kollu li tawha b'titolu gratuitu matul hajjitha inkluzi oggetti ta' dota fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha.'.

Fit-tielet eccezzjoni eccepew illi r-rikorrenti ghandha qabel xejn tigi ordnata tiddikjara l-assi u l-beni kollha li hija rceviet minghand l-konjugi Cassar qabel kull kalkolu eventwali tal-legittima.

Illi l-Qorti ser tikkwota *ad verbatim* l-ewwel artikolu tat-testment tat-13 ta' Novembru, 1996 fl-atti tan-Nutar John Gambin (fol. 53) kif isegwi:

> 'L-Ewwel Artikolu
>
> Kull wiehed/wahda miz-zewg (2) ko-Testaturi jhallu lill-binthom komuni Josephine mart Vincent Axisa is-somma ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) assaldu ta' kull dritt ta' successjoni u/jew legittima li l-istess binthom jista jkollha u ghandha fuq l-eredita taghhom it-tnejn.
>
> It-testaturi jhassru in-nomina ta' binthom Josephine Axisa bhala wahda mill-eredi taghhom liema nomina saret fil-hames Artikolu tat-testment precedenti taghhom fuq imsemmi. It-Testaturi ma jesentawx lill-imsemmija binthom Josephine Axisa mill-obbligi tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni u ghandha tikkonferixxi lura fil-massa ereditarja taghhom dak kollu li tawha b'titolu gratuit matul hajjithom inkluzi oggetti ta' dota fl-okkazzjoni taz-zwieg taghha.'.

Illi l-Artikolu 620 sub-artikolu 4 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

> '(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.'.

L-Artikolu 922 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra illi:

> ‘922. Hu suġġett għall-kollazzjoni dak illi l-mejjet ikun nefaq biex iddota lid-dixxendenti bniet, jew biex għamel donazzjonijiet f’kontemplazzjoni ta’ żwieġ, jew biex għamel patrimonju ekkleżjastiku lid-dixxendent, jew biex akkwistalu benefiċċju ekkleżjastiku, jew xi impieg jew stabbiliment, jew biex ħallas id-djun tiegħu jew benefiċċju taħt fondazzjoni jew trust.’.

Ir-rikorrenti Josephine Axisa fl-affidavit taghha a fol. 26 et seq tal-process xehdet illi hija nghatat mill-genituri taghha rigal tat-tieg fis-somma ta’ hames mitt lira tal-munita l-antika (Lm500) ekwivalenti ghas-somma ta’ elf mija erbgha u sittin Ewro disgha u sittin centezmu (€1164.69), kif ukoll sett tad-deheb meta kienet ghadha tfajla li kien jiswa fl-ammont ta’ hamsin lira tal-munita l-antika (Lm50) ekwivalenti ghas-somma ta’ mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47). Tghid illi:

> ‘6. … Nghid ukoll li hlief il-hames mitt lira Maltin (Lm500) li tawni bhala rigal tat-tieg ma tawni xejn ghajr set tad-deheb meta kont ghadni daqsxejn ta’ tfajla. Dak iz-zmien kien jiswa xi hamsin lira Maltin (LM50.00). Lanqas hwejjeg ma kienet tixtrili. Niftakar darba xtratli libsa minn fuq il-monti. Kienet biss iz-zija li kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghi.’.

In vista tal-fatt li r-rikorrenti ma gietx ezentata mill-obbligu tal-kollazzjoni hekk kif irrizulta aktar il-quddiem, il-Qorti tqis li meta tigi ghal-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandha tghaddi sabiex tiehu kont taghhom. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa’ t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati Maria Cassar et.

**Likwidazzjoni tas-sehem riservat mill-assi ta' Nazzareno Cassar:**

Illi mill-provi migbura fl-atti l-Qorti tqis li l-assi tal-mejjet Nazzareno Cassar ai fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat ghandu jigi likwidat kif isegwi:

1. nofs il-valur tad-dar matrimonjali tad-decius konsistenti f'appartament bin-numru 428, Miramar .Court fi Triq it-Turisti, Qawra liema fond gie stmat f'intier mill-Perit Tekniku Joseph Grech fl-ammont ta' €175,000[1] u ghalhekk il-valur li ghandu jittiehed kont tieghu ghal fini ta' porzjon riservat huwa dak ta' €87,500.

2. is-somma ta' €1164.69 moghtija b'rigal tat-tieg lir-rikorrenti.

3. is-somma ta' €116.47 rapprezentanti sett tad-deheb moghti bhala rigal lir-rikorrenti.

Total tal-assi formanti parti mill-eredita' tal-mejjet Nazzareno Cassar huwa dak ta' €88,781.16.

L-investimenti li tressqet/ prova dwarhom fl-atti a fol. 76 et seq tal-process jirrizulta mill-istess dokumentazzjoni li kienu maghluqa fid-data  tal-mewt tal-missier.

Sehem riservat tar-rikorrenti huwa dak ta' 1/10 (1/5 x 1/2) ta' €88,781.16 cioe' €8,878.12. Billi r-rikorrenti xehdet illi hija rceviet l-ammont ta' €1164.69 u €116.47 dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut biex b'hekk jibqa' bilanc ta' €7596.96.

---

[1] Ara rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech a fol. 127 et seq tal-process.

**Imghax:**

L-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Hekk jaqra s-sub-artikolu 2:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Mill-atti jirrizulta li l-ewwel interpellazzjoni ufficjali permezz ta' att gudizzjarju ghall-hlas tal-porzjon riservat sar permezz tal-kawza odjerna u cioe' nhar il-25 ta' Ottubru, 2017. Nazzareno Cassar gie nieqes nhar is-26 ta' Ottubru, 2007 u ghalhekk l-ewwel interpellazzjoni zgur li ma saritx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni. Ghalhekk, din il-Qorti wara li kkunsidrat il-fatti u c-cirkostanzi tqis li r-rikorrenti Josephine Axisa ghandha jedd

ghall-interessi mid-data tal-interpellazzjoni ufficjali u cioe' mill-25 ta' Ottubru, 2017.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati u dan stante li r-rikorrenti ma gietx ezentata mill-kollazzjoni filwaqt li tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet safejn dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-ewwel artikolu tat-testment datat 13 ta' Novembru, 1996 fl-atti tan-Nutar John Gambin hija nulla u bla effett in kwantu l-ammont indikat mit-testatur Nazzareno Cassar ma jirriflettix is-sehem riservat skont il-ligi abbazi tal-wirt;

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida s-sehem riservat li ghadu spettanti u dovut lir-rikorrenti Josephine Axisa hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Likwidazzjoni tas-sehem riservat mill-assi ta' Nazzareno Cassar:'</u>** fl-ammont ta' seba 'telef hames mija sitta u disghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€7596.96);

4. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-sehem riservat hekk likwidat fit-tieni talba kull wiehed skont is-sehem rispettiv fl-eredita';

5. Tichad ir-raba' talba billi m'hemmx bzonn in-nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jigi pubblikat att relattiv ghall-hlas tas-sehem riservat.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimati u bl-imghax mid-data tal-25 ta' Ottubru, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Marzu, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu, 2023**